MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1133/2010

**GO p.l.c. - C 22334**

**vs**

**Camilleri Glenn Paul**
**I.D.149280(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u zewg Ewro u sitta u tmenin centezmu (€802.86), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici numru *21237811 u 21347881* skond kif jirrizulta mid-dokument anness ma l-avviz tat-talba mmarkat bhala Dok A.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghax u bl-ispejjez, mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mid-9 ta’ Ottubru, 2008 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il- konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta’ tmien mija u zewg Ewro u sitta u tmenin centezmu (€802.86), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------